**<u>Minuti tal-Ewwel Parti tal-Laqgħa Ergħba u Tletin (34) tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret , Il-Ħamis 18 ta' Novembru, 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.</u>**

l-Laqgħa bdiet fis-5.40 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 6.10 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.30p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.14p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.35 p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Kunsillier Raymond Tabone | 5.30 p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 6.15 p.m. | 8.30p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-ewwel parti u l-kontinwazzjoni tat-Tlieta u Tletin (33) Laqgħa tal-Kunsill li saru fil- 14 u 21 ta' Ottubru, 2010.**

1.01 Ġew approvati l-minuti tal-14 ta' Ottubru 2010 (l-ewwl parti) filwaqt li l-minuti tal-21 ta' Ottubru ġew approvati b'dawn il-korrezjonijiet:

(a) F'*item* 2.02 fl-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu jinqata il-kliem "**aktar xiri ta' oġġetti mingħand**" u minflok jidħlu l-kliem **"li ma jsirux ħlasijiet aktar lil"**.

(b) F'*item* 4.01fl-aħħar tas-sentenza jiżdiedu l-kliem **"kif anness ma dawn il-minuti."**

(c) F'*item* 5.05 wara t-tieni paragrafu jiżdied paragrafu ieħor: **"Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li jkun hemm kontrol tal-*parking* fiż-żona ta' ħdejn il-knisja ta' Burmarrad."**

(d) F'*item* 5.08 fit tielet paragrafu jinqata l-kliem **"Raymond Bartolo"**.

**2.00 (a) Punti li joħorġu mill-Minuti tal-ewwel parti tal-Laqgħa Nru (33) tal-14 ta' Ottubru 2010.**

Dwar Para. 2.00 (3.03) Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li l-perit tal-Kunsill Etienne Magri jiġi Mogħti ġimgħa żmien biex jippreżenta il-*Bill of Quantity* għar-*refurbishment* tal-latrini tax-Xemxija.

**2.00(b) Punti li joħorġu mill-Minuti tal-kontinwazzjoni tal-Laqgħa Nru (33) tal-21 ta' Ottubru 2010.**

Dwar Para. 1.03 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea infurmat li l-kompjuters li ma kienux qegħed jintużaw mill-Kunsill gew mogħtija wieħed kull wieħed lill-Kumitat tal-Banda San Pawl, lill-Kumitat tal-Każin Laburista, ill-Kumitat tal-Każin Nazzjonalista, lill-Kumitat tal-Festa, u lill-Kumitat tal-futbol.

Dwar Para. 1.05 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea infurmat li l-parteċipazjoni fil-*Youth Exchange Programme* mall-Kunsill ta' Quartesolo fl-Italja ġiet posposta minħabba li l-fondi mill-Ewropa għal dawn il-programmi ġew sospiżi lokalment.

Dwar Para. 2.06 Il-Kunsillier Frank Gauci informa li huwa kien iltaqa mas-Sur Frans Xerri u għandhom isiru laqgħat maż-żewġ persuni li ikkwotaw biex jagħmlu d-disin tal-Mappa Turistika.

Dwar Para. 5.03 Il-Kunsillier Frank Gauci informa li huwa kien ipprova jikkomnika ma' diversi għaqdiet sabiex jipparteċipaw fl-attivitajiet proposti biex jinġabru fondi għall-*Community Chest Fund* iżda ma kellux rispons tajjeb għajr għall- *British Residents Association* li aċċettaw li jipparteċipaw. Il-Kumitat tal-Festa wieġbu li ma jistgħux, filwaqt li l-għaqda tal-karrozzi qalu li għandhom attivita' oħra f'Għawdex. Il-*Girl Guides* qalu li l-membri tagħhom huma ta' eta' żgħira wisq, filwaqt li l-iScouts qalu li ser jipprovaw iżda ma tawx risposta definittiva. Il-Kunsillier Raymond Bartolo qal li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex wieħed jorganizza sew. Ġie għalhekk deċiż li jiġu mħassra dawn l-attivitajiet.

Dwar Para. 5.06 Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li ma għandux jibqa' jsir zebgħa ta' *railings* fejn dawn jkunu bil-*corrosion.* Dawn għandhom jinqalgħu u jiġu xkatlati sew fil-*workshop* biex ikun jista' jsir xogħol sew. Huwa osserva li sar progress fil-kwalita' ta' xogħol li qed isir mill-kumpanija ELC.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 Ġiet imqassma lista tal-korrispondenza li kien fiha 35 *item*. Id-deċiżjonijiet kollha dwar din il-lista ta' Korrispondenza u Komunikazjonijiet jinstabu fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.

3.02 Dwar item Nru. 4 tal-korrispondenza fejn ġiet ippreżentata talba mill-Pulizija biex tiġi installata *camera* f'Misraħ il-Bajja f'Bugibba, intqal li meta kienet intalbet stima għal din, l-ispiża dak iż-żmien kienet ta' madwar Lm12,000. Barra minhekk dan kien post pubbliku u kien hemm il-biża li din tnaqqas mill-kummerċ f'din iż-żona. Ġie deċiż li din il-proposta għandha titla bħala *agenda item* f'laqgħa oħra.

3.03 Dwar korrispondenza Nru. 5 u Nru. 35 li jikkonsistu f'żewġ talbiet minn diversi persuni għall-provista ta' konkos biex ikunu jistgħu jitranġaw żewġ toroq fir-raba, (1) f'Wied Arkati f'Għajn Riħana u, (2) f'ta' Qarbuni, ġie deċiż li dawn il-bdiewa jingħataw il-materjal (madwar 25 jarda konkos kull triq) meħtieġ u huma jagħmlu ix-xogħol meħtieġ. Il-konkrit għandhu jiġi ordnat minn diversi *suppliers* differenti.

3.04 Meta ġiet diskussa l-korrispondenza numru 6, li kienet talba għal arretrati minn żewġ impjegati tal-Kunsill, is-Sna. Sandra Grech u s-Sna. Josette Vella, is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, qalet li Sandra Grech kienet infurmata li qed tirtira t-talba tagħha għaliex hi ġiet infurmata mill-*accountant* tal-Kunsill li hija ma kelliex każ u għalhekk kien baqa' biss it-talba tas-Sna. Josette Vella biex tiġi kkonsidrata.

Billi l-każ kien jinvolvi talba għall-arretrati fuq medda ta' diversi snin u li t-talba kienet qeghda ssir issa u mhux meta saret it-talba oriġinali għat-tlugħ ta' skala, il-Kunsill iddeċieda li jintalab il-parir tad-Dipartiment dwar jekk din it-talba kellhiex tintlaqgħa u jekk iva minn meta għandhom jingħataw l-arretrati. Dan peress li matul dawn is-snin inkwistjoni kien sar ftehim kollettiv bejn id-Dipartiment u l-*Union* tal-impjegati tal-Kunsilli.

F'dan l-istadju (wara l-item tal-Korrispondenza) b'approvazjoni unanima, saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss *Item* 9 tal-Aġenda peress li kien hemm diversi nies tal-pubbliku preżenti li kienu nteressati f'din l-*item*.

**9.00 Proġett- Thalassalejn Boċċi Klabb.**

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, spjegat il-pożizzjoni sa fejn kienu waslu t-tħejjijiet għal dan il-proġett. Hija qalet li l-Kunsill kien approva s-somma ta' ħamsin elf lira maltin għal dan il-proġett f'laqgħa preċedenti. Il-Kunsill kien applika għal fondi mill-fond tal-U.I.F tal-Mepa għal dan il-proġett. Il-kumplament tal-fondi meħtieġa għandhom jagħmlu tajjeb għalihom l-għaqda *Thalassalejn Boċċi Klabb*. Hija qalet li kien hemm xi diffikultajiet dwar id-devoluzjoni ta' l-art inkwistjoni u li sa dak inhar stess kellha laqgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, l-President, u s-Segretarju tal-*Thalassalejn Boċċi Klabb* ma' Dr. Angelito Sciberras u ċ-Chairman tal-Kunsill Malta għall-iSports biex jiġi ċċarat kif għandha ssir d-devoluzjoni u x'kundizzjonijiet ser jitlob l-Kunsill bħala obbligi tal-Boċċi Klabb versu l-Kunsill.

Il-Kunsillier Mario Camilleri, talab li jara l-BOQs tal-proġett. Huwa talab ukoll li jkun jaf x'sar dwar *safety regulations,* u dwar talbiet mill-UIF dwar dan il-proġett. Huwa qal li kien qed jesiġi li l-BOQs jiġu vvetjati mill-Kunsill u li jiġi ppreżentat l-iStatut tal-Thalassalejn Boċċi Klabb għall-iskrutinju tal-Kunsill.

Wara li għamel l-intervent tiegħu, il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ u telaq mill-laqgħa.

Il-Kunsillier Raymond Bartolo qal li l-Kunsill kien diġa ħa ċerti deċiżjonijiet dwar dan il-proġett u għalhekk wieħed irid jimxi ma' dawn id-deċiżjonijiet jew inkella l-Kunsill għandu jirrevoka dak li kien approva qabel u jagħmel kundizzjonijiet ġodda. Huwa qal li l-fondi tal-Kunsill ma għandhomx jintużaw għal skop ta' kummerċ jew ta' profitti minn terzi. Dan imur kontra r-regoli ta' State Aid. Huwa staqsa jekk il-ftehim dwar li l-latrini jkunu miftuħa għall-pubbliku għadux fis-seħħ u jekk il-Kunsill hux ser ikun jista' jalloka l-użu tal-post lill-għaqdiet oħra tal-lokal u għall-iskola. Huwa qal li l-latrini għandhom jibqgħu miftuħin għall-pubbliku. Barra minhekk il-Kunsill għandu jara li l-Boċċi Klabb jagħmel il-manutenzjoni tal-post kif suppost.

Wara proposta mill-Kunsilliera Peter Abela u Martin Zerafa sar qbil li l-Kunsilliera għandhom jintalbu jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu imposti fuq il-Klabb tal-Boċċi b'e-mail fi żmien ġimgħa u s-Sindku tieħu dawk id-deċiżjonijiet li hemm bżonn biex jitkompla l-proċess ta' dan il-proġett.

Il-Kunsillier Frank Gauci qal li l-kunratt għandu jipprovdi li jekk jiġri li ixolji l-Boċċi Klabb, il-Kunsill ma jitlifx id-drittijiet tiegħu. Huwa qal li l-għaqdiet, l-iskola, u l-NGOs tal-lokal għandhom ikollhom dritt li jużaw il-post wara li jingħataw permess mill-Kunsill.

F'dan l-istadju l-Kunsill approva unanimament li tiġi sospiża l-laqgħa sabiex il-membri tal-Kumitat tal-Thalassalejn Boċċi Klabb ikunu jistgħu jindirizzaw il-Laqgħa tal-Kunsill.

Billi kien sar il-ħin, is-Sindku, il-Perit Graziella Galea qalet li kienet ser tistenna proposti bil-miktub mingħand il-Kunsilliera u terġa tittella' din il-item f'Laqgħa oħra tal-Kunsill biex tittieħed deċiżjoni finali dwar dan il-proġett.

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal 21 ta' Novembru 2010 fil 5.30p.m. għat-tkomplija tal-Aġenda.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30p.m.

---------------------------
***Il-Perit Graziella Galea***
***Sindku***

14 ta' Diċembru 2010

-----------------------------------------
***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***

Ref: 55 / 1322 / 10 / OCZ